Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 206/2002

**Illum 3 ta’ Dicembru, 2002**

**Appell Nru 206/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lilian Pace Moore,
Victor John Pace Moore,
Elaine Marie Pace Moore,
Marion Pace Moore,
Alfred Pace Moore,
Miriam Pace Moore u
Marisa Pace Moore.**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lilian Pace Moore, Victor John Pace Moore, Elaine Marie Pace Moore, Marion Pace Moore, Alfred Pace Moore, Miriam Pace Moore u Marisa Pace Moore talli fl-14 ta’ Mejju, 2002 u fiz-zminijiet immedjatament precedenti, f’79 Triq Sant Ursola, il-Belt Valletta (**1**) ghamlu vjolazzjoni ta’ proprjeta` lid-detenturi tal-istess proprjeta` u cioe` Mario u Marianne Farrugia bi ksur ta’ l-Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali, u (**2**) ezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom u fixklu lil Mario u Marianne Farrugia fil-pussess ta’ hwejjighom bi ksur ta’ l-Artikolu 85 ta’ l-imsemmi Kodci Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Settembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti ma sabithomx hatja skond it-tieni imputazzjoni izda sabithom hatja skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannat kull wiehed u wahda minnhom ammneda ta’ tlett liri (Lm3) u ordnatilhom sabiex fi zmien 24 siegha jikkonsenjaw cavetta lill-kwerelanti taht penali ta’ zewg liri kulljum fin-nuqqas; dik il-qorti, inoltre, rabtet “lill-imputati u lill-kwerelanti wkoll sabiex a tenur tal-Artikolu 583 tal-Kap. 9 ma jimmolestawx lil xulxin b’ebda mod taht penali ta’ Lm100 kull wiehed ghal zmien sena mill-lum”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ “Lilian Pace Moore et” tad-19 ta’ Settembru, 2002 li, wara li gew elenkati l-fatti u l-aggravji, fih is-segwenti talba:

**Ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ l-appell, l-appellanti, filwaqt li jinterponu umli appell kis-sentenza tat-12 ta’ Settembru, 2002 ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet premessi, u jaghmel referenza ghall-atti tal-kawza u ghall-provi prodotti, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok, wara li jinstemghu l-provi, tillibera lill-appellanti mill-akkuzi migjuba kontrihom.**

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-25 ta' Ottubru, 2002 u 29 ta' Novembru, 2002; ikkunsidrat:

Dan hu provvediment limitat ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Avukat Generali fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2002. F'dik l-udjenza l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell peress li t-talba ma saritx skond il-ligi. F'dik l-udjenza (tal-25 ta' Ottubru) il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u senjatament ghat-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni ghad-29 ta' Novembru, 2002, u dan anke peress li ghall-udjenza tal-25 ta' Ottubru wahda mill-appellanti kienet indisposta u ma setghetx tattendi l-Qorti.

Hu evidenti li t-talba fir-rikors ta' appell hija monka u saret hazin. Galadarba l-appellanti gew liberati mit-tieni imputazzjoni izda instabu hatja skond l-ewwel imputazzjoni, it-talba ma setghet qatt tkun ghat-thassir tas-sentenza izda kellha tkun ghat-tibdil jew varjazzjoni ta' l-istess. Hija gurisprudenza kostanti kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti Kriminali (meta din kienet tisma' appelli mill-Qrati Inferjuri) li meta t-talba ghandha manifestament tkun talba ghar-riforma mentri tigi mitluba r-revoka, ir-rikors ta' appell ikun null fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Joe Borg*** App. Krim. 21 ta' Lulju, 1995).

Permezz ta' rikors ippresentat fil-mori ta' dana l-appell fil-5 ta' Novembru 2002, l-appellanti, wara li ghamlu referenza ghal diversi disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (senjatament l-Artikoli 174, 175 u 789) kif ukoll ghal diversi sentenzi tal-qrati ta' kompetenza civili, talbu li din il-Qorti *"joghgobha tiddeciedi li l-att gudizzjarju m'ghandu ebda difett procedurali jew fil-kaz li din il-Qorti jirrisultalha diversament, tiddeciedi b'digriet kamerali li n-nuqqasijiet m'humiex ta' natura radikali u serja u ghaldaqstant tawtorizza u takkorda l-fakolta` sabiex l-esponenti jistghu jippresentaw nota li permezz taghha jizdiedu l-ismijiet tal-appellanti kollha minflok l-abbrevjazzjoni "et", u kif ukoll tintalab konferma tas-*

*Sentenza ta' l-Ewwel Qorti inkwantu illiberat lill-appellanti mit-tieni akkuza ai termini tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 u tintalab revoka, annullament u thassir tal-ewwel akkuza."* Dan ir-rikors, in kwantu jirreferi ghall-eccezzjoni in dizamina billi indirettament qed tintalab korrezzjoni fit-talba fir-rikors ta' appell, ma jistax ikollu l-konsegwenzi li qed jippretendu l-appellanti. Apparti li l-Artikoli 174, 175 u 789 tal-Kap. 12 ma humiex applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 jispecifika b'mod car liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 applikabbli ghall-proceduri penali – in-nullita` komminata fl-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali hija wahda tassattiva. Anqas ma tista' din il-Qorti tiehu bis-serjeta` l-ilment ta' l-appellanti (migjub fir-rikors tal-5 ta' Novembru 2002) li l-izball fit-talba tar-rikors ta' appell kien dovut ghall-fatt li *"sad-data tat-terminu ta' l-appell"* huma kien ghad m'ghandhomx kopja tas-sentenza ta' l-ewwel qorti; jew l-argument li l-imputazzjonijiet kienu alternattivi, u li ghalhekk it-talba fir-rikors ta' appell kif minnhom proposta kienet korretta. Dwar dan it-tieni argument, apparti li l-alternattivita` vantata ma tirrizultax mill-att ta' citazzjoni – l-imputati, jew wiehed minnhom, setghu nstabu hatja kemm ta' vjolazzjoni ta' proprjeta` kif ukoll ta' *ragion fattasi* <u>permezz ta' atti differenti</u> – anke jekk imputazzjonijiet ikunu kjarament alternattivi b'mod li l-ewwel qorti tillibera minn imputazzjoni u ssib htija skond ohra, it-talba xorta wahda ghandha tkun ghar-riforma u mhux ghar-revoka. Kwantu ghall-ilment li huma ma kellhomx kopja tas-sentenza ta' l-ewwel qorti (apparti li huma kienu assistiti legalment quddiem il-Qorti Inferjuri meta giet pronunzjata s-sentenza u ghalhekk din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif dak li jkun ma kienx jaf ta' xhiex instab hati u ta' xhiex gie lliberat), l-appellanti ma humiex korretti meta jghidu li *"sad-data tat-terminu ta' l-appell"* huma ma kellhomx kopja tas-sentenza. Is-sentenza ta' l-ewwel qorti ngahtat fit-12 ta' Settembru 2002; skond il-kalendarju Gregorjan, it-tmint ijiem tax-xoghol imsemmija fl-Artikolu 417(1) tal-Kap. 9 kienu jiskadu fl-24 ta' Settembru 2002. Ir-rikors ta' appell, invece, gie presentat fid-19 ta' Settembru, 2002.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tichad it-talbiet kif kontenuti fir-rikors tal-5 ta' Novembru, 2002, tilqa' l-

eccezzjoni tan-nullita` sollevata mill-Avukat Generali, tiddikjara r-rikors ta' appell irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

A. Testone
A. Registratur